MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 666/1981/1

**Gio Maria Camilleri; u b'digriet ta' l-14 ta' April 1994 l-atti tal-kawza gew trasfuzi f'isem Theresa armla ta' Gio Maria Camilleri**

**Vs**

**Joseph u Carmelo ahwa Cachia**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi bu skrittura tal-11 ta’ Marzu, 1980 l-attur irrialzzja favur il-konvenuti Carmelo u Joseph Cachia, ricevuta li ghid li huwa kien ircieva:
a) *shovel loader 977 4 Caterpillar;* u
b) Kompressur ta’ l-arja C.P.T. 365,
u dana bhala hlas tal-kreditu tieghu kontra l-konvenuti skond sentenzi tas-16 ta’ Ottubru 1971 u ta’ l-1 ta’Novembru 1978 u li konsegwentement il-konvenuti ma ghandhom ebda obbligu iehor a favur ta’ l-istanti – Dok. “A”;

Premess illi bi skrittura ohra tal-25 ta’ Marzu, 1980 il-kontendenti regghu ghamlu skrittura ohra – Dok. “B” – li permezz taghha wara li ghamlu riferenza ghall-iskrittura Dok. “A”, ftehmu li in vista tal-konsenja ta’ certu makkinarju li l-konvenut Joseph Cachia kellu jaghmel favur l-instanti illiberaw u esoneraw lill-konvenut Carmelo Cachia mill-obbligi kollha naxxenti minn obbligazzjonijiet skritturi u sentenzi, u l-instanti obbliga ruhhu wkoll li jcedi l-kawza pendenti kontra l-konvenuti in kwantu dina tirrigwarda lill-konvenut Carmelo Cachia;

Premess illi l-konvenuti Joseph u Carmelo Cachia granet qabel il-firma ta’ l-iskrittura tal-11 ta’ Marzu 1980 – dok. “A” – kienu wasslu fil-barriera ta’ l-instanti Chassis ta’ Gaffa minghajr magna, minghajr il-borma u ma tahdminx u kienu weghdu li fi zmien ftit gimghat kellhom jarmaw u jhaddmu l-istess u anki jikkonsenjaw il-kompressu – liema mossa tal-konvenuti kienet evidentement intiza biex jingannaw lill-instanti u biex jinducuh jiffirma z-zewg dikjarazzjonijiet – tant hu hekk, li sallum il-konvenuti la haddmu il-gaffa u lanqas ikkonsenjaw il-kompressur;

Premess illi kieku l-instanti kien jissuspetta li l-konvenuti kienu in mala fede, ma kienx jaccetta l-ftehim u jissottoskrivi t-transazzjonijiet Dok. “A” u Dok. “B”;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, previa jekk hemm bzonn dikjarazzjoni li z-zewg dikjarazzjonijiet Dok. “A” u Dok. “B” gew karpti mill-konvenuti minghand l-attur b’qerq u malizzja:-

Tiddikjara l-istess skritturi nulli u bla effett u dan ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Cachia illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi t-transazzjoni giet liberament konkordata, u huwa jichad kull minaccja qerq jew malizzja;

2. Bla pregudizzju jekk huwa veru li l-konvenut l-iehor huma inadempjenti fl-obbligazzjonijiet, assunti minnu fit-transazzjoni separata tieghu, l-attur kellu azzjoni ghall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni jew pagament tad-danni kontra tieghu, u mhux ghar-rexxissjoni tat-transazzjoni milhuqa separatament ma' l-esponent;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Carmelo Cahica u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut l-iehor Joseph Cachia illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi huwa kien jichad illi t-transazzjoni giet ottenuta b'xi minaccja malizzja jew qerq;

2. Mhux veru lil-esponent kien inadempjenti fil-ftehim milhuq. Kollox sar skond il-ftehim;

3. Anke kieku vera li l-esponent kien inadempjenti fil-ftehim tat-transazzjoni, dan jaghti lok lill-attur jitlob l-adempiment, u mhux jirrexindi t-transazzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Joseph Cahica u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet ta' l-20 ta' Ottubru 1986 li permezz tieghu gie nominat bhala perit gudizzjarju Dr. Antoine Fiott biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni ta'l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-8 ta' Novembru 1991 li permezz tieghu gie revokat l-inkarigu ta' l-imsemmi perit u ssostitwit ghalih lil Dr. Tonio Mallia bl-istess inkarigu u fakoltajiet;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi perit gudizzjarju Dr. Tonio Mallia li tinsab a fol. 86 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tad-29 ta' Mejju 1998;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Kif jidher mill-att tac-citazzjoni l-attur qieghed jallega li meta ffirma l-iskritturi tal-11 ta' Marzu 1980 (fol. 6) u tal-25 ta' Marzu 1980 (fol. 7) l-kunsens tieghu kien karpit b'qerq u malizzja adoperti mill-konvenuti fil-konfront tieghu;

Redatta kif inhi c-citazzjoni f'dawn it-termini huwa ovvju li l-attur qieghed jibbaza l-impunjattiva tal-precitati skritturi fuq l-Artikolu 981 tal-Kodici Civili. Dan l-Artikolu hekk jiddisponi fis-subinciz (1) tieghu:-

"L-ghemil doluz huwa motiv ta' nullita` tal-fehim meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali li minghajrhom il-parti l-ohra ma kienetx tikkuntratta";

Tajjeb li qabel kull analizi tal-konsiderazzjoni ta' fatt u ta' dritt involuti f'dan il-kaz jigu stabbiliti l-principji kardinali

konsakrati fil-gurisprudenza taghna relattivi ghall-aspett tad-*dolo* f'materja civili;

Skond l-insenjament traccjat fid-decizjoni **"Innocenzo Galea -vs- M. Zammit"**, Appell Civili, 3 ta' Dicembru 1919 (Vol. XXIV P I p 203) il-principji huma s-segwenti:-

"(1) *il mantenimento dei contratti e` di interesse generale purche e` principio di ordine pubblico; siffatto considerazione impone che nelle cause d'impugnazione di contratti per vizio di consenso si procede con massima circospezione perche non si abbia ad annulare un'atto che dovrebbe rimanere in vigore;*

*(2) i principi che regolano il dolo si devono applicare con maggior rigore quando trattasi di un atto a titolo gratuito che quando trattasi di un contratto a titolo oneroso;*

*(3) a provare il dolo bastano gli indizi e le congetture purche` siano gravi e concordanti, si da generare la convinzione che la liberalita` o il contratto impugnato e` stato l'effetto di raggiri usati dall'altra parte o da terzi."*

Mill-principji fuq raffigurati jitnisslu dawn l-osservazzjonijiet, ukoll mehuda mill-kazistika taghna fuq is-suggett:-

(a) "*A costituire i raggiri non basterebbe il fatto di un predominio acquistato ed esercitato da una persona sull'altra per indurla al contratto, ma occorse un'elemento specifico costituito dalle false rappresentazioni, dagli artifizi fraudolanti, dallo inganno, usati quale mezzo per raggirare la scarsa intelligenza dell'altro contraente" - "***Giovanni Farrugia Gay -vs- Emaneule Farrugia Gay**", Prim' Awla, Qorti Civili, 3 ta' Mejju 1921 (Vol. XXIV P II p 578);

(b) "*I raggiri usati da uno dei contraente sono stati tali che senza di essi l'altra parte non avrebbe contratto*" ("**Terese Galea -vs- Salvatore Bonnici**" a Vol. X pagna 592. Fi kliem iehor l-ingann irid ikun il-kawza determinanti

li ta lok ghal ftehim li ghaqqad in-negozju ("**Alice Cassar Torreggiani -vs- Albert R. Manche`**", Appell Civili, 17 ta' Marzu 1958 (Vol. XLII P I p 126);

(c) Kif stabbilit fis-subinciz (2) ghall-Artikolu 981, id-dollo jew frodi ma huwa qatt prezunt izda jrid jigi pruvat minn min jallegah. Trid allura ssir il-prova li parti wahda uzat "*scienter*" raggiri frawdolenti u artifizji li kienu gravi ("**Joseph Mifsud nomine -vs- Paul Tanti**" u "**Josephine mart Francis Galea -vs- Perit Walter Caruana Montaldo**", iz-zewg kawzi decizi rispettivament fl-4 ta' Frar 1965 u s-16 ta' Dicembru 1970);

Bhal perit legali qabilha din il-Qorti, wara li ezaminat attentament il-provi prodotti hija tal-fehma li l-attur ma wasalx biex jipprova li l-konvenuti uzaw raggiri u li kienu dawn ir-raggiri li nducewh jikkonkludi l-iskritturi issa impunjati minnu;

L-ilment mistqarr mill-attur fis-seduta tas-27 ta' Frar 1989 li hu gie ittradut ghax fil-fatt baqa' ma hax l-ingenji ma jwasslux biex jissodisfa r-rekwizit tal-prova tal-qerq, kif hekk gustament irravviza l-perit legali fir-relazzjoni tieghu (fol. 86 *et sequitur* tal-process);

Dan ghaliex kif fuq gja rilevat l-ghemil doluz irid ikun <u>gravi</u> u <u>determinanti</u> ("*causam dans contractui*") b'mod li dik il-parti li sofriet l-ingann ma kienetx tasal ghal dak il-ftehim kieku ma kienx hemm dak l-ingann ("**Carmelo Barbara -vs-Emmaneule Schembri**", Prim' Awla, Qorti Civili, 16 ta' Gunju 1955);

Il-kaz *de quo* ma jaqax f'din il-katergorija. Ghall pju ghandu dritt jikkonsegwixxi l-ftehim billi jitlob id-debita adempjenza tieghu mill-konvenut, izda certament fuq il-provi akkwiziti m'ghandux dritt jipprevalixxi ruhu mid-dettam ta' l-Artikolu 981 tal-Kapitolu 16;

Huwa veru li fil-korp tad-dikjarazzjoni akkompanjanti c-citazzjoni kif ukoll fil-kors tal-gbir tal-provi l-attur jirreferi ghall-minacci li allegatament jghid li sarulu mill-konvenut. Minacci li meta jkunu "ingusti" u "illegittimi" jikkostitwixxu

vizzju tal-kunsens (**Vol. XXVIII P III p 878; "Emanuel Falzon -vs- Anthony Farrugia"**, Appell, 21 ta' April 1997). Sfortunatament ghall-posizzjoni ta' l-attur il-vjolenza ma gietx dedotta minnu bhala talba fic-citazzjoni.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talba ta' l-attur, bl-ispejjez kontra tieghu.

--------------------------------TMIEM--------------------------------